# Ħsieb Tekniku

## X'naħseb



- X’inhi r-relevanza ta’ din l-attivita`? Hi ħaġa prattika?
- Kif ser insolvi din il-problema?
- Għandi l-għodda neċessarja biex naħdem?
- Bilfors irrid nuri lill-oħrajn x’tgħallimt?

## X'nagħmel



- Nibni l-mudelli u nsib soluzzjonijiet prattiċi għall-problemi li niltaqa’ magħhom.
- Niskopri kif jaħdem saħansitra apparat sofistikat billi nżarmah u nerġa’ narmah.
- Ngħix dak li nitgħallem!
- Naħdem waħdi.

## X'inħoss



- Inħossni tassew kuntent/a meta t-tagħlim ikun marbut ma’ esperjenzi reali tal-ħajja milli mal-kitba u l-qari.
- Inħossni frustrat/a meta ma jkollix l-għodda neċessarja biex naħdem.
- Niddejjaq meta xi ħadd ibagħbas l-għodda tiegħi jew il-mudelli li nibni.
- Inħossni tassew sodisfatt/a meta l-proġetti tiegħi jintużaw għal xi ħaġa prattika!